**7 ta' Mejju, 1998**

**Imhallef:-**

**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D. - A/President**

P. Cutajar & Co. Limited

*versus*

Lino Grech

**Kreditu - Dokument - Esebizzjoni ta' Dokument Fi Stadju ta' Appell**

*L-attur aġixxa biex jirkupra kreditu. Il-Qorti ta' l-Appell ikkonfermat is-sentenza ta' l-Ewwel Qorti fis-sens illi t-talba ma ġietx ippruvata.*

Il-Qorti:-

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tad-29 ta' Mejju, 1997, li taqra kif ġej:

"*Il-Qorti:-*

Rat l-avviż tas-soċjetà attriċi għall-kundanna tal-konvenut biex iħallas is-somma ta' sitt mija u wieħed u sittin lira Maltija u tmienja u tmenin ċenteżmu (Lm661.88), rappreżentanti prezz ta' merkanzija mibjugħa u kkonsenjata lill-konvenut għan-negozju Le Tire Bouchon Restaurant;

Bl-ispejjeż, inklużi dawk ta' l-ittri legali, iddatati 12 ta' Jannar, 1996 u tad-9 ta' Awissu, 1996, u l-ittra uffiċjali ddatata Settembru, 1996, oltre għall-imgħax legali min-notifika ta' l-ittra uffiċjali sa l-effettiv pagament kontra l-konvenut li ġie nġunt għas-subizzjoni;

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet tal-konvenut fejn eċċepixxa:

Illi huwa jismu Pasqualino u mhux Lino u għalhekk trid issir korrezzjoni opportuna;

Illi, fil-meritu, l-esponent jikkontesta illi huwa personalment responsabbli għaliex huwa qatt ma daħal f'relazzjoni ġuridika mas-soċjetà attriċi. Kienet is-soċjetà Tirabouchon Limited li daħlet f'relazzjoni ġuridika u fil-mument li saru l-kontrattazzjonijiet, anqas kien Direttur;

Salvi eċċezzjonijiet oħra;

*Rat illi fis-seduta tal-lum kienet ġiet appuntata għall-provi* tal-kontendenti, deher biss il-konvenut, assistit mid-difensur tiegħu, u wara li semgħet lill-konvenut, bil-ġurament, fejn iddikjara illi huwa qatt ma kellu relazzjoni ġuridika, fil-kariga tiegħu personali, mad-ditta attriċi, iżda lanqas ma kien direttur mal-kumpannija debitriċi, li dak iż-żmien sar il-ftehim, iżda sar *direttur illum fil-kwalità ta' direttur, illum huwa jammetti illi* din hija l-kumpannija Tirabouchon Limited, li għandha tagħti lill-kumpannija attriċi, issib illi t-talba attriċi, wara li semgħet dawn il-provi ma tirriżultax u għaldaqstant qiegħda tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut fil-meritu u tiċħad it-talba attriċi bl-ispejjeż kontra l-kumpannija attriċi";

Minn dik is-sentenza appellat is-soċjetà attriċi li qed titlob ir-revoka ta' l-istess u l-akkoljiment tat-talbiet attriċi prevja ċ-ċaħda ta' l-eċċezzjonijiet issollevati mill-konvenut;

L-aggravju ta' l-appellanti jikkonsisti fis-sottomissjoni illi fl-ewwel lok l-Ewwel Qorti qatt ma semgħet il-versjoni tal-fatti *min-naħa tas-soċjetà attriċi u għalhekk naqset mill-prinċipju* elementari tad-dritt naturali, ċjoè dak ta' l-*audi alteram partem*. Huwa jissottometti li huwa minnu li s-seduta tad-29 ta' Mejju, 1997, kienet intiża għall-provi kollha tal-partijiet, iżda fil-fehma tiegħu, huwa assurd li dakinhar stess, fid-9.35 ta' filgħodu, l-avukat difensur tiegħu sab il-kawża diġà deċiża. Huwa jissottometti illi għalkemm huwa veru li l-avukat difensur tiegħu, li għandu ukoll ir-rappreżentanza tas-soċjetà attriċi, ma kienx preżenti fl-Awla dakinhar tas-seduta fil-ħin stipulat, ciononostante, qatt ma ppretenda li l-Ewwel Qorti tgħaddi għas-sentenza mingħajr ma tkun semgħet liż-żewġ naħat;

Kwantu jirrigwarda l-meritu jissottometti li l-

eċċezzjonijiet tal-konvenuti huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt. Dan jirriżulta b'mod l-aktar ċar u assolut minn dokument li l-konvenut stess bagħat lis-soċjetà attriċi fid-19 ta' Jannar, 1996, wara li rċieva ittra interpellatorja mill-avukat tas-soċjetà attriċi. F'dik l-istess ittra, il-konvenut, li *inter alia* jistqarr li jismu Lino, talab żmien sabiex iħallas kollox lis-soċjetà attriċi. Dan id-dokument suppost ġie anness mar-rikors *ta' l-appell, però ġie ppreżentat permezz ta' rikors* aktar *tard.* L-appellanti jissottomettu ukoll li fl-istess ittra, il-konvenut qatt ma rrefera għal xi soċjetà kummerċjali jew xi direttur ta' soċjetajiet kummerċjali li suppost magħhom qed jallega li sar *in-negozju minflok ma sar miegħu. F'dan ir-rigward, l-ittra tad-*19 ta' Jannar, 1996 hija ċara u univoka f'dan is-sens. Wara li s-soċjetà attriċi rċeviet din l-ittra, il-konvenut ingħata ħafna żmien biex iħallas, u wara li baqa' ma ħallas xejn, kellhom jittieħdu l-proċeduri ġudizzjarji odjerni. Anzi l-konvenut appellat qed jammetti li għandu jagħti l-flus u talab żmien biex iħallas id-dejn tiegħu;

*Ikkunsidrat:*

Illi essenzjalment għandu jiġi osservat qabel xejn li għalkemm l-appellanti fir-rikors ta' l-appell jgħidu li qegħdin jesebixxu kopja ta' l-ittra fejn allegatament il-konvenut jammetti d-debitu, dina ma ġietx ippreżentata mar-rikors ta' l-appell u kellhom jgħaddu diversi xhur biex, fit-28 ta' Novembru, 1997, l-istess soċjetà attriċi għamlet rikors li bih talbet illi tesebixxi żewġ ittri, ċjoè dik li għaliha diġà saret referenza, ċjoè tad-19 ta' Jannar, 1996, u oħra ta' l-10 ta' *Awissu, 1996;*

Evidentement, kif wieħed kien jistenna, qamet *il*-kwistjoni dwar l-ammissibilità o meno ta' dawn iż-żewġ dokumenti f'dan l-istadju li fih intalbet il-preżentata tagħhom;

Għandu jiġi osservat qabel xejn li dawn huma dokumenti li s-soċjetà attriċi qed tippretendi li għandhom jiġu ammessi a bażi tal-paragrafi (a) u (b) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 150 tal-Kap. 12;

Fil-fehma ta' din il-Qorti, però, dawn evidentement mhumiex dokumenti li ma setgħux jiġu prodotti qabel u l-Qorti anqas ma tista' raġonevolment tasal għall-konklużjoni li huwa neċessarju u espedjenti li tammettihom illum, meta huwa ċar biżżejjed *li dawn l-istess dokumenti, speċjalment l-ewwel* wieħed minnhom, messhom ġew ippreżentati annessi ma' l-avviż promotrju tal-ġudizzju u mhux jitħalla għal din l-istanza u anke xhur wara li ġie ppreżentat ir-rikors ta' l-appell, u anke wara l-preżentata tar-rikors ta' l-appell;

Din il-Qorti trid tagħmilha ċara li ma tistax tippresta ruħha biex tagħmel tajjeb *għan-nuqqasijiet li jkunu saru* fil-prim'istanza, tiftaħ bieb biex kollox jgħaddi u tipprovdi l-faċilità ta' proċess mill-ġdid meta dak li jkun sar fil-prim'istanza jkun sar b'mod irregolari. Dana jġib lil din il-Qorti biex *tiddeċidi l-ewwel punt imqajjem mill-appellanti, u ċjoè, l-*allegazzjoni tagħhom li ma ngħatawx possibilità li jinstemgħu. Din l-allegazzjoni hija kompletament infondata u l-opportunità kienet hemm, kif jirriżulta mill-atti proċesswali ta' prim'istanza u kien biss in-nuqqas tagħhom li jidhru li wassal biex il-Qorti għaddiet biex tisma' lill-konvenut u tiddeċidi l-kawża kif kellha kull dritt illi tagħmel;

Kwantu jirrigwarda l-meritu, fil-fehma ta' din il-Qorti, anke kieku kellu wieħed jiddeċidi l-appell a bażi taż-żewġ dokumenti li s-soċjetà attriċi trid tippreżenta, ukoll ma hemm xejn x'jindika *illi* s-sentenza *ta' l-Ewwel Qorti għandha tiġi* rrevokata. Dana għaliex anke jekk l-ewwel ittra, ċjoè dik tad-19 ta' Jannar, 1996 tindika ammissjoni tad-debitu, fl-istess ħin,

però huwa ċar minnha stess illi l-konvenut ma kienx qed jikteb in vesti personali, imma għan-nom tar-*restaurant*, u fit-tieni lok hemm l-ittra ta' l-10 ta' Awissu, 1996, li tagħmilha ċara li huwa qatt ma kien qed iżomm ruħu personalment responsabbli għall-pagament tad-debitu dovut;

Dak li din il-Qorti, però, għandha tħares lejh, mhumiex dawn *iż-żewġ ittri*, imma l-*provi kif miġjuba quddiem* l-Ewwel Qorti u dawn ma jistgħu, taħt l-ebda ċirkostanzi, jwassluha biex takkolji l-appell. Jekk iċ-ċirkostanzi kif żviluppaw fil-prim'istanza wasslu għal posizzjoni insostenibbli għas-soċjetà attriċi, din *imputat sibi* u ma tarax din il-Qorti għaliex għandha tagħmel tajjeb għan-nuqqasijiet tagħha;

*Għal dawn il-motivi l-appell qed jiġi respint u s-sentenza* appellata qed tiġi kkonfermata bl-ispejjeż ta' din l-istanza a karigu ta' l-appellanti.